*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**AĠENDA NUMRU 8 – 14 ta' Novembru 2019**

***Minuti tat-tmien laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar l-14 ta' Novembru, 2019 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:00pm ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 8. Il-laqgħa bdiet fil-6:15pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija:** **Ħadd**

**Assenti :** **Ħadd**

| | | |
|---|---|---|
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| **Uffiċċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

**8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġija.

**8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet għall-attenzjoni il-minuti tal-laqgħa preċedenti. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea ppropona li l-minuti ta' Laqgha Nru 7 jiġu approvati. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier David Battistino. Il-minuti ġew approvati unanimament.

**8.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

- Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea fakkar li fid-19 ta' Settembru kienet ser issir il-laqgħa msejħa mid-Dipartiment dwar id-defiċit finanzjarju. Huwa stieden lil min hu nteressat mill-Kunsilliera sabiex jattendu.
- Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li ltaqa' mal-Avukat li qed jirrapreżenta lill-Kunsill fil-każ ta' Schembri Infrastructures, fejn kien infurmat li dan il-każ wasal

biex jiġi deċiż mill-Qorti. Is-Sindku semma wkoll li jsiru n-negozjati ma' Bonnici Bros. sabiex jaraw kif jiġi ssetiljat l-ammont pendenti kif ukoll l-interessi.

- Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea wera l-apprezzament tiegħu għax-xogħol li sar għal Jum Ħaż-Żebbuġ. Huwa saħaq li f'attivitajiet tal-Kunsill għandhom ikunu preżenti l-Kunsilliera kollha waqt dawn l-attivitajiet. Il-Kunsillier David Battistino li Jum Ħaż-Żebbuġ għandu jintuża sabiex iqarreb lin-nies lejn il-Kunsill.
- Kien hemm diskussjoni dwar il-Bord tal-Aġġudikazzjoni fejn il-Kunsilliera qablu li l-membri għandhom jiġu mitkellma sabiex naraw jekk għadx għandhom interess jibqgħu fil-Bord.
- Il-Kunsillier George Cortis qal li jixtieq juri l-apprezzament tiegħu lejn ix-xogħlijiet li qed isiru fejn Santa Marija. Huwa xtaq jirringrazzja lill-ex-Sindku Sarah Agius Saliba tas-sehem tagħha f'dan il-proġett. Min-naħa tiegħu l-Kunsillier Cortis talab li ssir ittra sabiex issir toqba għall-arblu u naraw jekk hemmx xi spejjeż tat-tħaffir. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li ma jixtieqx jagħmel spejjeż fi proġett li mhux tal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li f'dak il-kaz issir korrispondenza mill-Perit tal-proġett lill-Kunsill.

**8.4 Permess ghall-Tower Crane fi Triq Frans Sammut;**

Wara diskussjoni u prezentazzjoni tal-pjanti li ġew mħejjija mill-Perit tal-kuntrattur, ġie deċiż li minħabba li ser jintrema f'art pubblika minħabba li postu ser ikun fejn ġejja l-bankina u-triq, għandu jsir permess għat-tower crane bħal ma jsir normalment. Il-permess jiswa Eur15 kuljum. F'każ li jintalab sabiex isir trasferiment tal-BIS, din titpogga fi Triq Santa Marija.

**8.5 Rapport Laqgħa mal-Pubbliku;**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li għal din il-laqgħa intbagħtet ittra f'kull dar, li ġew imqassma mill-iScouts. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li din mhijiex laqgħa ta' konsultazzjoni. Min-naha tiegħu s-Sindku preżenta ir-rapport li ser jinqara fil-laqgħa pubblika. Dan ir-rapport ġie sekondat mill-Viċi Sindku Mark Camilleri. Kien hemm qbil unanimu.

**8.6 Update dwar Wied Qirda;**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li jinsab diżappuntat li dan il-wied qed jintuża bħala ballun politiku.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li l-Kunsill qed jaqbeż għal żona li diġa hija protetta, filwaqt li qal ukoll li ma saritx konsultazzjoni dwar dan il-wied min-naħa tal-Awtoritajiet.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi għandu jagħmel talba sabiex din id-diega llegali li hemm titneħħa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip E. Zammit.

**8.7 Cameras**

Wara diskussjoni sar qbil li jinxtraw żewġ batteriji għall-cameras li ser ikunu qegħdin iduru mar-raħal fejn hemm il-problemi.

**8.8 Bollards ma' parti mid-dawra fi Triq Sciortino;**

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi ppropona li jitpoġġew bollards fi Triq Sciortino fejn ġieli jkun hemm parkeġġ illegali li jimpedixxi lill-vetturi tat-trasport pubbliku milli jdur mar-roundabout. Kien hemm qbil li ssir applikazzjoni.

**8.9 Doggie Bins b'fondi tar-Reġjun;**

Sadanittant il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal bħala Kumitat tal-Ambjent, ser issir sejħa sabiex naraw fejn hemm bżonn li jsiru doggy bins f'Ħaż-Żebbuġ.

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications, Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit, Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit), George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 568181*

**8.10 Skema Proġett Pilota – Kompost f'Darek;**

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li bħala kunsill għandna nkunu proattivi. Għaldaqstant għandha ssir stedina lill-pubbliku sabiex kull min għandu ġnien japplika sabiex jingħata bin tal-kompost u hekk inkunu qeghdin ngħinu sabiex jonqos l-iskart organiku wkoll. Ser jintużaw Eur1000 mill-fondi tar-reġjun sabiex issir din l-iskema.

**8.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Wara diskussjoni, fuq proposta tas-Sindku Dr. Malcolm P. Galea li ġiet sekondata mill-Kunsillier Philip E. Zammit, l-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata kif preżentata.

**8.12 Twegibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li kien avviċinat mill-FKNK sabiex jieħdu ħsieb soft areas ġo Ħaż-Żebbuġ. Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qabel ma l-Kunsillier Zammit Lupi li tista tingħata soft area fi Triq il-Buskett wara li ssir it-triq bit-tarmac

Il-Kunsillier Patrick Bonnici qal li kellu laqgħa ma' kumpanija li tiġbor żjut użati permezz ta' kontenitur kbir li jitpoġġa f'xi post ġo Ħaż-Żebbuġ. Saret duskussjoni.

**8.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

Il-laqgħa tal-Kunsill spiċċat fit-8:50pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 16 ta' Diċembru 2019.

**Dr. Malcolm P. Galea** | **Paula M. Valletta**

**Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv**

,